**MARZU 2007** **NUMRU 219**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Ix-xahar ta' Marzu huwa kkaratterizzat biż-żmien tar-Randan, żmien ta' riflessjoni, talb, penitenza u smiegħ tal-Kelma ta' Alla. Minkejja l-ħafna impenji li għandna fl-Azzjoni Kattolika, żgur li l-membri tagħna mhumiex sejrin iħallu dan iż-żmien prezzjuż jgħaddi, billi nisimgħu l-Kelma, u nieħdu kemm hu possibbli ġid spiritwali . . . San Pawl jgħidilna . . . . 'wasal il-ħin li tqumu min-ngħas; għax hija eqreb is-salvazzjoni tagħna'. Rum 13. 11

Kelma żgħira fuq Qaddis Kbir; hiemed, ubbidjenti, moħbi umli San Ġużepp, li l-festa tiegħu taħbat dan ix-xahar. Kemm nixtieq li nimita lil dan il-qaddis kbir! L-Evanġelju jgħid ħafna fuq dan il-qaddis meta jgħid ftit u ftit wisq. Hu propju l-ftit wisq li jgħid fuqu l-Evanġelju juri l-kobor tiegħu . . . . . Jekk inħobbuh, nimitawh u nitolbuh.. . . .

Kull meta xi ċirkolu jistedinni biex immur nagħmlilhom xi laqgħa, naċċetta, għax b'hekk ikolli l-okkażjoni li iktar nagħraf u nifhem il-polz ta' l-Azzjoni Kattolika.
Xi ċirkoli kienu batuti . . . oħrajn rajt mhux biss l-entużjażmu imma wkoll is-serjetà li biha jagħmlu l-laqgħa, u dawn mingħajr għajnuna tas-saċerdot! . . . . Kemm ta' l-ewwel u kemm tat-tieni, fehmu kemm hu meħtieġ li jkollhom "Il-Ħuġġieġa''. . . Skantajt kemm xi ċirkoli (li ħsibt li aħjar li ma nsemmix il-post), ippreparaw il-lezzjoni . . qabel jiġu għal laqgħa . . Jekk dawk IVA għax intom LE?

**F'Azzjoni flimkien** . . . konna wegħdna fil-bidu tas-sena soċjali, li matul din is-sena kull ċirkolu jagħmel xi attivitajiet ta' għajnuna lil ħaddieħor . . . . X'għamel iċ-ċirkolu tagħkom? U jekk organizzajtu xi ħidma ta' karità tajjeb li tgħidulna biha, mhux biex tiftaħru, imma għall-eżempju tajjeb għal min għadu ftit indifferenti . . . .

Min beħsiebu jmur LOURDES din is-sena, jekk jibbukkja mis-segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika, jkun qed jgħinna biex naqalgħu xi ħaġa . . . id-dati li se mmorru LOURDES huma mill-20 sas 26 ta' Lulju, mit-13 sat-18 ta' Awissu u mill-31 ta' Awissu sas-7 ta' Settembru.

Dettalji iktar 'l quddiem.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

**Il-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Dun Ġorġ Preca** - L-Azzjoni Kattolika tifraħ bil-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Dun Ġorg Preca. Tifraħ mhux biss għax hu Malti jew għaliex hu qaddis ta' żmienna li xi wħud minna għadhom jiftakru, imma tifraħ għaliex Dun Ġorġ huwa missier il-Lajċi Maltin. Dun Ġorg mhux biss missier il-membri tas-soċjetà tal-Mużew imma missier il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika wkoll.
Kmieni fil-bidu ta' dan is-seklu, f'1907 meta it-tixrid ta' l-evanġelju kien fdat f'idejn is-Saċerdoti biss, l-Ispirtu s-Santu nebbaħ lil Dun Ġorġ biex jgħallem u jafda f'idejn il-lajċi wkoll it-tagħlim tal-katekiżmu. Din kienet ħaġa ġdida mhux biss għal Malta imma għall-Knisja kollha u ma kienx faċli għall-Isqof ta' dak iż-żmien li jaċċetta. Il-biża li jinxtered tagħlim żbaljat kienet kbira. Forsi b'xi mod jew ieħor wieħed kien jista' jasal biex jidra l-idea li rġiel mgħallmin jgħinu fit-tagħlim, imma li jgħallmu n-nisa wkoll, li n-nisa jieħdu post is-saċerdot fit-tagħlim kienet ħaġa ġdida wisq. Ma dan kollu tlett snin biss wara li Dun Ġorġ waqqaf il-grupp ta' l-irġiel waqqaf dak tan-nisa.
Waqt li nirringrazzjaw lil Alla għal dan ir-rigal sabiħ li għoġbu jagħtina fi żmienna, din hi okkażjoni biex inġeddu l-fehma tagħna ħalli bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ ma naqtaw qalbna qatt milli nwettqu dak li Alla jitlob minna, li nfittxu li nitgħallmu dejjem aktar u li ma nħallu qatt okkażjoni fejn nistgħu ngħallmu tgħaddi. Żgur li l-Knisja Maltija se tagħmel programm biex tipprepara lill-Maltin għal din l-okkażjoni unika. Nkunu minn ta' l-ewwel biex ngħinu u nieħdu sehem f'dawn il-preparamenti.

Qegħdin nitħajru nitilgħu Ruma għal Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ
Min jixtieq jitla' magħna jinforma lis-Segreterija billi jċempel 21222239.
Dettalji joħorġu aktar tard.

Azzjoni Flimkien - Il-Kampanja *Azzjoni Flimkien* li konna nidejna ftit qabel il-Milied qabdet sew. Ta' sikwiet nisimgħu b'inizjattivi ġodda. Nieħdu gost jekk tibagħtu tinfurmawna bl-inizjattivi tagħkom. Adottajtu xi Istitut? X'għajnuna qegħdin toffru? Hemm xi membri li daħlu għal xi forma ta' karità? Membri taċ-ċirkolu tan-nisa tal-Mosta u ta' Ħal-Qormi qegħdin iħitu l-purtieri għad-Dar Familja Mqaddsa. Iż-żgħażagħ ta' l-Mgarr organizzaw maratona u qassmu l-flus li ġabru lid-Dar tal-Providenza u lid-Dar Familja Mqaddsa. Fl-iskola ta' l-Appostolat li jmiss nistgħu nagħtukom xi ideat ġodda ta' x'tistgħu tagħmlu.
**Joyce Pullicino President Ġenerali**

## SKOLA TA' L-APPOSTOLAT
Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007 fid-9.30 a.m.
F'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007** | **Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.** |
| **Il-Ħadd, 18 ta' Marzu 2007** | **Irtir ċentrali fil-Knisja tal-Vitorja, Valletta, bejn id-9.00 a.m u l-11.30 a.m** |
| **It-Tnejn, 26 ta' Marzu 2007** | **Laqgħa tal-Kunsill ċentrali fil-5.30 p.m.** |

---------------

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa, 2 ta' Marzu 2007** | **World Day of Prayer, Parroċċa Ħaż-Żebbuġ mill-10.30 a.m. sal 11.30 a.m.** |
| **Il-Ħamis, 8 ta' Marzu 2007** | **Kunsill ċentrali fid-9.30 a.m.** |
| **Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007** | **Skola ta' l-Appostolat f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana fid-9.30 a.m.** |
| **Il-Ħamis, 22 ta' Marzu 2007** | **Laqgħa formattiva Kunsill (Membri tal-Kunsill)** |
| **Il-Ħamis, 12 ta' April 2007** | **Kunsill ċentrali fid-.9.30 a.m.** |

---------------

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis, 1 ta' Marzu 2007** | **Kunsill ċentrali fis-6.00 p.m** |
| **L-Erbgħa 14 ta' Marzu 2007** | **Laqgħa speċjali għall-membri kollha fis-6.00 p.m. Imexxi Fr Paul Galea** |
| **Il-Ħadd, 18 ta' Marzu 2007** | **Irtir ċentrali. Dettalji jingħataw f'ċirkulari** |
| **Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007** | **Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.** |
| **Il-Ħamis, 5 ta' April 2007** | **Kunsill ċentrali fis-6.00 p.m** |

**Marzu huwa x-xahar iddedikat lil San Ġużepp. Nitolbuh iħares lil Familja Maltija.**

----------

## Information Sheet bl-email - Proġett NibżgħuGħas-Siġar
Sabiex nagħtu sehemna favur l-ambjent u nibżgħu għas-siġar, qegħdin noffru l-opportunità li tirċievu l-Information Sheet bl-email minflok bil-posta. Jekk tixtieq tgħinna f'dan il-proġett, ibgħat ismek u l-indirizz tiegħek fuq l-indirizz:
infosheet@akmalta.org.

## MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI

**L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007 Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fis-6.00 p.m.**
**L-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2007 Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m.**

Il-Moviment Għalliema Kattoliċi jwassal il-messaġġ tiegħu lill-iskejjel bis-saħħa ta' l-għalliema fl-iskejjel li jservu ta' rappreżentanti (contact persons) tal-Moviment. Hemm numru ta' skejjel fejn m'għandniex rappreżentant.
Qegħdin nippubblikaw lista ta' skejjel fejn m'għandniex rappreżentanti. Dan sabiex, jekk tkunu tistgħu, membri miċ-ċirkoli jikkuntatjaw lill-għalliema f'dawn l-iskejjel biex isibu lil xi ħadd dispost li jservi ta' rappreżentant tal-Moviment f'dik l-iskola.
Il-Lista ta' l-iskejjel fejn m'għandniex rappreżentanti:

Skejjel Primarji Statali
B'Kara C, B'Buġia B, Fgura A, Fgura B, Għargħur, Ħamrun Sch. Str, Lija, Mellieħa, Mtarfa, Naxxar, Paola A, Paola B, Pembroke, Qrendi, Rabat A & B, San Ġiljan, Xgħajra.

Skejjel Sekondarji Statali
F.X. Attard (Marsa), Sir Temi Zammit ( Mtarfa), Antonio Bosio (Gzira), Annex Ħamrun J.L. (Sliema), Sir Adrian Dingli ( St. Patrick's), Lorenzo Gafa (Fortini)

Skejjel Statali għat-Tfal Bi Bżonnijiet Speċjali
San Miguel (St Andrews), Mater Dei (Msida), Santa Marija (Ħamrun), St Luke's Hospital Classes (St Luke's)

Skejjel tal-Knisja
Holy Family (B'Buġia), Immaculate Conception (Tarxien), MSSP (Rabat), San Alwiġi (B'Kara), Seminarju (Rabat), St. Joseph Secondary School (Blata-l-Bajda), St. Michael School (Qormi), St. Monica (B'Kara), St. Monica (Mosta), St. Monica (Qormi), Theresa Nuzzo (Marsa), St Francis (B'Kara).

Skejjel Privati
New Ark (Swieqi), Chiswick House (Kappara), Noddy's Primary (Sliema), Little Angels (Balzan), San Anton (Żebbiegħ), San Andrea (Żebbiegħ), St. Joseph (Qormi), St Catherine's (Pembroke), St Michael's Foundation (Pembroke), Thi Lakin (Attard), Verdala International (St Andrews), St Martin's (Swatar)
Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21374466, 21247793.

-----------------------

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA
## Ġimgħa ta' Sagrifiċċju 2007

"Komunità vera ma tħalli barra lil ħadd"

Bl-approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika qiegħed jorganizza għal darb' oħra Ġimgħa ta' Sagrifiċċju bejn it-30 ta' Marzu u s-6 ta' April 2007 (Festa tad-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira). Din hija l-40 sena li qed isir dan.
B'din l-attività s-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika jkompli jgħin f'dawn iż-żminijiet għall-impenn favur kull min b'xi mod jeħtieġ solidarjetà u għajnuna konkreta. Għajnuna u solidarjetà mibnija fuq l-ispirtu nisrani ta' l-imħabba li twassal ukoll għal sagrifiċċju personali biex naqsmu ma' ħaddieħor fil-bżonn. Is-suġġett magħżul għal din is-sena hu:-

"Komunità Vera ma tħalli barra lil ħadd"

Meta ngħixu l-Evanġelu fl-ispirtu kollu tiegħu naslu biex nagħmlu ħajjitna għotja għall-ħaddieħor speċjalment lill-ħutna fil-bżonn. Dan iffisser li mhux biss inħobbu u allura nwettqu l-karità imma fl-istess waqt naħdmu biex ħadd fis-soċjetà ma jkun eskluż.

Kull sena l-pubbliku Malti jwieġeb għall-messaġġ tal-ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU' b'impenn ġeneruż. Grazzi għal dan, ħutna fid-diffikultà jsibu l-għajnuna li tant ikunu jeħtieġu.

**Attivitajiet li intom għandkom tieħdu sehem sħiħ fihom:**

(a) Twasslu b'kull mod il-Messaġġ tal-Papa għar-Randan fost il-membri ta' l-A.K. u l-komunità kollha parrokkjali. Messaġġ li jibqa' s-sena kollha magħna.

(b) Ġabra fil-Knejjes:
Din se ssir BIL-KAXXI kif inhu miftiehem ma' l-Awtoritajiet EkkleżjastiċI u l-Kunsill tal-Kappillani.
Għalhekk matul il-ġranet tal-"Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" għandhom jitpoġġew kaxxi fil-knejjes għal dan l-iskop. Huwa ferm importanti li l-Kappillan/Arċipriet jiġbed l-attenzjoni tal-Fidili dwar dawn il-Kaxxi. Jekk dan ma jsirx ikun hemm tnaqqis sostanzjali mill-ġbir li kien isir qabel, b'konsegwenzi xejn sbieħ fuq il-ħidma tas-Segretarjat Assistenza Soċjali.

(c) Frott ta' ċaħdiet Personali
Ftit ilu rċevejtu jew se tirċievu numru żgħir ta' appelli b'kaxxi tal-"5c". Dawn għandhom jitqassmu lill-membri li bi spirtu ta' ċaħda u sagrifiċċju jimlewhom b'kontribut personali u mingħand il-familjari u ħbieb.

(d) Jum Bla Tipjip
Ħafna Parroċċi din l-attività jorganizzawha tajjeb ħafna. Hemm min jagħmel bottijiet fil-knejjes, ħwienet u każini. ċertament, l-għotja tal-flus li jiġu miċ-ċaħda tat-tipjip - li jmorru għal min hu fil-bżonn fiha valur kbir quddiem Alla.

(e) Dipartimenti tal-Gvern, Skejjel u Industriji
Bil-permess ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u fil-każ ta' l-iskejjel bil-permess ukoll tad-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni se jsir ġbir għal din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju. Kull membru ta' l-A.K. li jaħdem mal-Gvern għandu jgħin biex dan il-ġbir ikun organizzat tajjeb. L-istess għal min jaħdem mal-privat.

Flus miġbura
Il-flus kollha miġbura m'għandhomx jiġu mħallta u għandhom jaslu l-Uffiċċju SAS, l-Istitut Kattoliku, Floriana, kemm jista' jkun kmieni.
Bla dubju huwa prinċipalment bil-flus miġbura mill-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju, li s-Segretarjat Assistenza Soċjali jista' jwettaq tant ħidma. Ċertament il-ġbir ta' fondi huma importanti iżda l-preżenza tagħna kull fejn hemm it-tbatija hija aktar importanti. Veru li ħafna drabi dan jitlob minna sagrifiċċju imma f'dan il-każ is-sagrifiċċju għall-imħabba lill-bniedem f'mument ta' bżonn fih valur kbir quddiem Alla.
Inħeġġukom għalhekk biex flimkien mal-Kappillan/Arċipriet u l-friegħi kollha ta' l-Azzjoni Kattolika tagħmlu kull sforz għal din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju.

| Dennis Buttigieg | Patri Damian Cachia O.Carm | J.Rossi |
|---|---|---|
| President | Kons.Ekkleżjastiku | Segretarju |

N.B. Infakkrukom li s-S.A.S. ġie eżentat mill-ħtieġa ta' liċenzja biex ikun jista' jsir il-ġbir.

GIMGHA TA' SAGRIFICCJU 2007
"Komunità Vera ma tħalli barra lil ħadd"
Nibdew minn issa nippreparaw ghal din l-attivita hekk importanti

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità
Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Marzu 2007:- 4, 11, 18, u 25.
**Eżekuttiv** Nhar l-Erbgħa 7 ta' Marzu 2007 fis-6.00 p.m. il-membri tal-Kummissjoni jkollhom il-laqgħa ta' kull xahar fl-Istitut Kattoliku, Floriana.
**Ħadd il-Palm, 1 ta' April** Il-Kummissjoni tagħna se torganizza l-Laqgħa Annwali għaż-żgħażagħ b'diżabilità fis-Sala tal-Kunvent tas-Sacred Heart, San Ġiljan.
Tibda b'quddiesa minn Mons. A. Deguara bis-sehem tal-Kor ta' l-Imġarr. Tkompli b'riċeviment u b'divertiment.

------------------

Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| 5 ta' Marzu 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara |
| 11 ta' Marzu 2007 | Support group |
| 17 ta' Marzu 2007 | Membri taż-ŻAK se jqattgħu ġurnata fuq il-Logos II li se terġa' tkun Malta. |
| 17-19 ta' Marzu 2007 | Gruppi taż-ŻAK se jagħmlu 'car wash' fil-parroċċi differenti bħala ġbir ta' fondi għal-proġett tad-dar ta' Birkirkara. |
| 19 ta' Marzu 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara |
| 30-31 ta' Marzu 2007 | Rtir għall-membri taż-ŻAK |

--------------

## ĠRANET LI FIHOM L-ISTITUT KATTOLIKU MA JIFTAĦX

| | |
|---|---|
| 30 ta' Marzu 2007 | Duluri - Jagħlaq fis-1.00 p.m. |
| 05 ta' April 2007 | Ħamis ix-Xirka. Jagħlaq fis-1.00 p.m. |
| 06 ta' April 2007 | Ġimgħa l-Kbira. Ma jiftaħ xejn |
| 07 ta' April 2007 | Sibt il-Għid. Ma jiftaħ xejn |
| 09 ta' April 2007 | Easter Monday. Ma jiftaħ xejn |

**PELLEGRINAĠĠ GĦALL-KANONIZZAZZJONI TAL-BEATU ĠORĠ PRECA MA' L-AZZJONI KATTOLIKA**

Nitilqu l-Ġimgħa 1 ta' Ġunju 2007 u lura Malta t-Tnejn 4 ta' Ġunju 2007
Dettalji mis-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika, Istitut Kattoliku Floriana, FRN 1441
Tel-21222239.

**Librerija Azzjoni Kattolika - Floriana**

Wieħed isib:

Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.



Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'. Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.

Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa 9.00am – 12.00pm
4.00pm - 7.30pm
Is-Sibt 9.00am – 12.00pm



Tel: 21 237031

Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.

Jekk taf lil xi ħadd li għandu xi kumpannija, negozju jew ħanut jew xi ħaġa x'jirreklama, issa iċ-ċans, fil-Ħuġġieġa, jista jagħmel dan. Għal aktar informazzjoni wieħed jista jikkuntatja lil Ms Joyce Pullicino fuq emajl: joyce.pullicino@ovol.net jew iċempel fuq in-numru tat-telefon 21 222239 jew 21 237031 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju u nikkuntatjawk lura.

Il-prezzijiet huma:

Kwart ta' Paġna – Lm 10.00 + 18% = Lm 11.80 kull ħarġa
Nofs Paġna – Lm 20.00 + 18% = Lm 23.60 kull ħarġa

Grazzi ta' l-għajnuna.

***Nota:***

***Dawk kollha li għadhom ma bagħtux ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2006 huma mitluba jagħmlu dan mill-aktar fis..***

***Grazzi***
***Amministratur Ġenerali***

# OFFERTA SPECJALI

## *Pariri Spiritwali tal-Beatu Papa Gwanni*

ta'

**Patri Guido Schembri**

## Ghall-prezz ta' Lm 0.25c

*Mill-Librerija ta'*

*l-Azzjoni Kattolika - Floriana*